# L-Ipoġej Ta' Bistra

MINN ANTON SPITERI

*Introduzzjoni*



❑ Fl-inħawi ta' bejn Mount St Joseph u l-vilel li nbnew viċin, hemm grupp ta' ipoġej jew oqbra paleo-kristjani magħrufa bħala l-Ipoġej ta' Bistra. Dawn huma oqbra li kienu jintużaw għad-dfin fl-aħħar żmien tar-Rumani f'Malta. F'Santa Margerita kien hemm għadd ta' oqbra Puniċi li kienu jintużaw fi żmien il-Kartaġiniżi u fl-ewwel żmien tar-Rumani. Oqbra simili nstabu fi Triq il-Wied, fi Triq Ponsonby, fil-Wied ta' l-Isperanza u f'Wied il-Għasel. Dr A.A. Caruana għamel stħarriġ dwar oqbra antiki f'Malta u jgħid li l-inħawi qrib il-Mosta huma miżgħuda bl-oqbra. Hu jsemmi diversi postijiet ta' dfin, iżda ma jsemmix Ta' Bistra.[1]

Patri Manwel Magri skava l-oqbra li jinsabu fil-Fortizza tal-Mosta u dan l-ipoġew għadu miżmum tajjeb. Dan fih taraġ u kuridur bl-oqbra fuq iż-żewġ naħat u mejda maqtugħa fil-blat magħrufa bħala *triclinium*. Taħt il-ħitan tal-fortizza fid-direzzjoni tat-tramuntana hemm għar naturali li fih hemm seba' oqbra maqtugħa fil-blat. Viċin l-inħawi ta' Sant' Andrija kien hemm ir-raħal ċkejken medjevali ta' Ħal Dimekk. Hawn kien jinsab il-katakombi Tal-Għammariet li m'għadux jeżisti. Magri ħa ritratti tal-Ipoġej ta' Ta' Bistra, iżda 'l ftit tagħrif li għandna ġej biss mill-kopja tal-pjanti oriġinali ta' Magri li għamel P.F. Bellanti. F'Awissu tal-1928, E.B. Vella skava qabar tal-familja li nstab fil-ġnien tat-Torri Cumbo.[2]

*Post arkeoloġiku magħruf*

Dawn l-ipoġej jinsabu f'għalqa magħrufa bħala Tal-Għerien għax l-oqbra kienu meqjusa bħala għerien naturali. Huma maqtugħa fil-ġenb ta' għalqa b'medda ta' 91 metru u nofs.[3] Fl-1 ta' Mejju 1891, F. Vassallo għamel disinn ta' wieħed mill-oqbra. Becker stampa r-ritratt tal-ipoġej li kien ħa Patri Magri fl-1913. Sena wara Temi Zammit innota li parti minnhom kienu f'kundizzjoni tajba filwaqt li oħrajn kienu tkissrulhom xi partijiet minnhom minħabba qtugħ ta' blat. P.F. Bellanti żarhom f'Lulju 1920 u studja d-dettalji arkitettoniċi u l-kisi bil-ġir abjad. Hu faħħar is-sengħa kbira ta' dawk li ħaffruhom.



*Skavi u studju tal-Ipoġej*

Fi Frar tal-1933 id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għarraf lid-Dipartiment tal-Mużew li kien ser jinbeda xogħol ta' twessigħ tat-triq li tgħaddi minn ħdejn

Għal paġna 55

*Minn paġna 53*

dan is-sit arkeoloġiku. Erbgħa mill-ipoġej kellhom jitkissru u dan ħeġġeġ lid-Direttur C.G. Zammit biex jiskava l-inħawi. Wara li sid l-għalqa ta permess, tħejja rapport u saru pjanti tal-post. Kien hemm 57 daħla (*cubiculi*) b'oqbra orizzontali msejħa *loculi* u oqbra b'arkata msejħa *arcosolii* li għandhom qtugħ fil-blat fejn titqiegħed ir-ras. L-oqbra imħaffra fl-art jissejħu *forme*. Instabu mwejjed imħaffra fil-blat, mejda bħal dawn tissejjaħ *triclinium*. L-oqbra kienu nfetħu żmien qabel u tbattlu. Kien fadal xi biċċiet ta' għadam tan-nies, skutella ta' ras raġel xiħ, biċċiet ta' fuħħar Ruman u musbieħ mingħajr maqbad. Ma nstabux fdalijiet li juri li kien hemm xi nies jgħixu fil-viċin. L-inħawi tħallew abbandunati u ma kinux imħarsa mill-elementi tat-temp u l-vandaliżmu tan-nies.[4]

### *L-Ipoġej mhedda li jinqerdu*

Daqs ħamsin sena wara l-iskavi nbeda xogħol fuq il-bini ta' triq oħra li tiela għar-Rabat. Fil-ħarifa tal-1981 inbeda x- xogħol u kien hemm il-ħsieb li parti oħra mill-ipoġej tinqered. Id-Dipartiment tal-Mużewijiet talab li titwessa' triq li hemm fil-viċin, iżda l-proġett tkompla. Il-Ministru tax-Xogħlijiet aċċetta li l-parti tat-triq li tgħaddi minn fuq l-ipoġej tissaqqaf f'wesgħa ta' xi 3 metri. Hekk din il-parti tal-ipoġej minn oqbra mħaffra fil-ġenb tal-għalqa inbiddlu f'katakombi taħt l-art.

Fit-tarf tal-ipoġej min-naħa tal-Mosta hemm razzett antik li hu fil-periklu li jiġġarraf u għalhekk hu theddida għall-għadd ta' oqbra li jinsabu taħtu. Dawn l-ipoġej intużaw għat-trobbija ta' l-annimali u għalhekk saru xi tibdiliet biex l-oqbra nbidlu f'postijiet għall-fniek.

### *Ħidma għall-ħarsien ta' Ta' Bistra*

F'Ottubru tal-1987 kelliem għaż-żagħżagħ għall-Ambjent kiteb fil-ġurnali li partijiet mill-ipoġej spiċċaw fil-ġonna tal-vilel li kienu qed jinbnew u li oqbra oħra kienu qed jintradmu bit-terrapien.[5] Id-Dipartiment tal-Mużewijiet xtara r-razzett qadim li taħtu hemm parti mill-ipoġej u ħaseb biex jinħoloq kuridur wiesa' tliet metri, tul l-ipoġej kollha.[6]

Il-Kunsill Lokali tal-Mosta kellu pjan biex jieħu ħsieb il-Victoria Lines flimkien ma' Kunsilli oħra tal-viċin permezz ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea bil-programm MED-URBS. Kien hemm il-ħsieb li l-katakombi jkun restawrat u jinfetaħ għall-pubbliku.[7] Minħabba problemi burokratiċi l-proġett tħalla fuq l-ixkaffa.

Fl-14 t'Awissu 1998 deher avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li bih dan il-post arkeoloġiku tqies bħala ta' 'Klassi A'. Dan ifisser li ma jistax isir żvilupp f'medda ta' 100 metru. L-Awtorità ta' l-Ippjanar ħarġet ordni ta' konservazzjoni ta' emerġenza għax kien hemm il-periklu li ssir ħsara lil dawn l-inħawi storiċi.[8]

### *Il-futur tal-Ipoġej ta' Ta' Bistra*

Id-Dipartiment tal-Mużewijiet iħoss li wasal il-waqt li postijiet bħal Ta' Bistra jgħaddu f' idejn il-Kunsilli Lokali biex jamministrawhom u jiftħuhom għall-pubbliku. Issa l-liġi dwar il-wirt storiku inbidlet. Il-Kunsill Lokali tal-Mosta għandu jieħu l-ipoġej Ta' Bistra taħt idejh biex ibiddilhom f' attrazzjoni turistika. Qabel xejn irid jinstab mezz kif dan jista' jsir mingħajr inkonvenjent għar-residenti ta' l-inħawi. Ir-razzett il-qadim jista' jinbidel f'post għall-viżitaturi. L-Ipoġej Ta' Bistra s'issa għadhom imniżżla fil-lista tal-għaxar postijiet storiċi l-aktar fil-periklu li jinqerdu li ħareġ il-Kumitat Nazzjonali tal-ICOMOS.[9] Hemm bżonn li nkunu kburin li, minbarra r-Rotunda, għandna l-ipoġej li għandhom importanza storika kbira kif ukoll bosta postijiet oħra ta' interess, tant li turist jista' jgħaddi jum sħiħ il-Mosta.

*Referenzi*

*1 CARUANA, A.A. (1898): Ancient Pagan Tombs and Christian Cemeteries in the Island of Malta explored and surveyed from the year 1881 to the year 1897, Malta, pp. 5-11.*
*2 SANT, M.A. (1996): 'Mosta Through the Ages'. Scerri, L.J. (Ed.) Mosta, the Heart of Malta, Malta, pp. 21-22.*
*3 VELLA, E.B. et. al. (1972): Storja tal-Mosta, Malta, pp. 41-45.*
*4 BUHAGIAR, M.,Late Roman and Byzantine Catacombs and related Burial Places in the Maltese Islands, Oxford, 1986, p 293, 307.*
*5 Times of Malta, 21-10-1987.*
*6 Museums Department, Ref. MUS 3/82, 11-02-1993.*
*7 CACHIA ZAMMIT, R. et. al. (1996): Malta's Heritage: the Victoria Lines, Malta, p. 46.*
*8 The Malta Independent, 18-08-1998, p. 13.*
*9 Mosta Local Council, Ref. 35/99.*